# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta' Jannar 2017**

**Rikors Numru: 194/15 CSH**

**Emanuel Schembri**

**vs**

**Reuben Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza ta' Automated Revenue Management Services Limited (C46054) f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Rikors skond l-Artikolu 466 (2) tal-Kap. 12.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Emanuel Schembri fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Gunju, 2015 fejn ir-rikorrenti espona s-segwenti:

"*Illi huwa gie notifikat b'ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 2015 u dina n-notifika saret fit-18 ta' Gunju 2015 li ggib in-numru 1308/15. Illi fl-istess ittra ufficjali huwa gie nterpellat ihallas is-somma ta' elfejn, tmien mija w disgha u tletin Ewro u sitta w sittin centezmu (€2,839.66) kontijiet fuq il-post 388, Freddor,*

*Triq il-Kanun, Sta. Venera u fuq il-fond 30, Ian, Triq il-Mandolina, Birzebbugia.*

*Illi fuq il-post 30, Ian, Triq il-Mandolina, Birzebbugia, dana kien b'kera ghand l-esponenti u ilu li telaq l-istess fond ghal dan l-ahhar sittax-il sena. Ukoll meta hareg mill-fond huwa dawwar il-kont ghal fuq is-sid tal-fond.*

*Illi apparti l-fatti hawn esposti huwa manifest illi z-zewg talbiet kemm fuq il-post ta' Santa Venera u kemm fuq il-post ta' Birzebbugia huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (g) tal-Kap. 16 u dana peress illi skada aktar minn hames snin.*

*Kif ukoll taht l-Artikolu 2156 (f).*

*Illi in oltre ghandu jinghad illi l-Kodici Kriminali jippresumi responsabbli l-ahhar detentur tal-fond. Bl-istess mod huwa responsabbli d-detentur tal-fond ghall-kontijiet tal-ahhar snin.*

*Illi l-esponenti anke kif gie notifikat kien qed jigi notifikat Block 4, Flat 6, Triq tal-Gebel, Bini tal-Gvern, Birzebbugia u ilu joqghod hemmhekk ghal dan l-ahhar disa' snin. Hemmhekk ukoll huwa registrat bhala votant.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li t-talba tal-intimat hija wahda infondata."*

Rat ir-risposta pprezentata minn Reuben Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, fil-15 ta' Lulju, 2015, fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *Illi preliminarjament, isem is-Socjeta' esponenti huwa 'Automated Revenue Management Services Limited' u mhux dak indikat mir-rikorrent fl-okkju jigifieri 'Automated Revenue Services Management Limited' u ghaldaqstant hemm bzonn li ssir korrezzjoni;*

2. *Illi s-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited intavolat l-ittra gudizzjarja bin-numru 1308/15 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra r-rikorrent, liema ittra qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. ARMS 1;*

3. *Illi s-Socjeta' esponenti hija kreditrici tar-rikorrent Emanuel Schembri ghall-ammont ta' elfejn, tmien mija u disgha u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€2,839.66) rapprezentanti f'konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u elettriku u spejjez amministrattivi u legali relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numri 101000053753 u 101000039491 salv spejjez gudizzjarji u imghax skont il-ligi u dan in vista ta' proceduri li ttiehdu fil-konfront tar-rikorrent;*

4. *Illi s-socjeta' esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet kollha migjuba mir-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

5. *Illi fir-rigward tal-ammont dovut relatat mal-kont tas-servizzi utili bin-numru 101000053753 bin-numru antik 165542640 ossia dwar il-fond bl-indirizz 388, Freddor, Triq il-Kanun, Santa Venera, is-Socjeta' esponenti tispjega illi l-ammont ta' erba' mija u disgha u sebghin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm479.40) ekwivalenti ghal elf, mija u sittax-il Ewro u sebghin centezmu (€1,116.70) flimkien mal-ispejjez u d-drittijiet relata mat-talba ta' quddiem it-Tribunal ta' Talbiet Zghar fl-ismijiet '**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta vs Emanuel Schembri'** deciza mill-Gudikant Dr. Audrey Demicoli fil-hamsa*

*w ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) bin-numru tat-talba 2196/2002 kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali intavolata fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) gew eronjament indikati fl-ittra ufficjali odjerna u dan stante li huma diga' koperti b'titolu ezekuttiv permezz tas-sentenza citata li hija res judicata u li ghalhekk ma tistax tigi attakkata;*

6. *Illi stante li s-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited hija issa responsabbli ghall-hrug ta' kontijiet tas-servizzi utili, gbir ta' flus ghan-nom tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u ghall-Enemalta plc flimkien ma' funzjonijiet ancillari, hija permezz ta' din l-ittra erronjament indikat l-ammont ta' elf, mija u sittax-il Ewro u sebghin centezmu (€1,116.70) kif ukoll l-ispejjez u d-drittijiet relatati mal-procedura quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u tal-ittra ufficjali prezentata fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Frar tas-sena elfejn (2000), ammonti li huma diga' koperti b'titolu ezekuttiv f'isem Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta kontra r-rikorrenti u ghaldaqstant ma jistax issa jigi attakkat mir-rikorrent Emanuel Schembri tant illi anke gie intavolat mandat ta' sekwestru in segwitu' tal-imsemmija decizjoni u anke registrata ipoteka generali;*

7. *Illi l-kumplament tal-ammont relatat mal-kont bin-numru 101000053753 jirrigwarda ammonti relatati ma' spejjez gudizzjarji u legali li ttiehdu fil-konfront tar-rikorrent u li huma relatati mat-titolu ezekuttiv li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta ghandha;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar iz-zewg kontijiet tas-servizzi utili mertu tal-ittra ufficjali odjerna bin-numru 1308/2015 skond l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jigifieri 101000053753 u*

*101000039491, is-socjeta' esponenti tipprovdi illi huwa r-rikorrent Emanuel Schembri li huwa registrat fuq il-kontijiet in kwistjoni u ghaldaqstant ir-rikorrent huwa responsabbli ghall-hlasijiet relatati mal-istess stante li s-socjeta' esponenti ghandha relazzjoni guridika fil-konfront tieghu;*

9. *In vista tas-suespost, u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li ggib is-socjeta' esponenti fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' esponenti hija tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha twarrab it-talba tar-rikorrent Emanuel Schembri, bhala wahda minghajr ebda bazi u li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u filwaqt illi tiddikjara l-ammont ta' erba' mija u disgha u sebghin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm479.40) ekwivalenti ghal elf, mija u sittax-il Ewro u sebghin centezmu (€1116.70) flimkien mal-ispejjez tal-procedura quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar bin-numru 2196/02 AJD u tal-ittra ufficjali tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) ma jistghux jigu attakkati stante li diga' hemm titolu ezekuttiv u li ghaldaqstnat hija res judicata, tikkonferma illi l-kumplament tal-ammont mertu tal-ittra ufficjali odjerna bin-numru 1308/2015 reza ezekuttiva kontra r-rikorrent.*

*Bl-ispejjez u b'rizerva ghall-imghax dovut skont il-ligi salv kif deciz mill-Onorabbli Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-talba fl-ismijiet "Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta vs Emanuel Schembri" bin-numru 2196/2002 mill-Gudikatur Dottor Audrey Demicoli fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) dwar il-kont tas-servizzi utili bin-numru 101000053753.*

Semghet ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

**Reuben Bonnici** prodott mir-rikorrenti xehed fit-30 ta' Settembru 2015, u mistoqsi jekk ipprezentax xi ittra ufficjali fil-konfront tar-rikorrenti, wiegeb fil-posittiv u effettivament stqarr li l-ittra ufficjali in kwistjoni ggib in-numru 1308/15. Spjega li din l-ittra ufficjali kienet tirrelata ghal zewg kontijiet li r-rikorrenti kellu, w effettivament kienet harget mill-Water Services Corporation iffirmata minn Dr. Guido Pace Spadaro. Qal li apparti din l-ittra ufficjali, kienet saret ukoll ittra ufficjali ohra f'Novembru tas-sena 2004. Huwa esebixxa kopja tal-istess, li giet immarkata bhala Dokument RB. Gibed l-attenzjoni li din tirreferi biss ghal kont wiehed.

In kontro-ezami x-xhud qal li effettivament is-socjeta' intimata kienet ukoll hadet xi proceduri kontra r-rikorrenti quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar u effettivament kien hemm sentenza, liema sentenza esebixxa kopja taghha li giet immarkata bhala Dokument RB1. Qal li din is-sentenza wkoll inghatat b'referenza ghal kont wiehed biss u fil-fatt l-ittra ufficjali odjerna bin-numru 1308/15 taghmel referenza ghall-ammont li gie likwidat f'din is-sentenza. Sostna li kien inhareg ukoll mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' Emanuel Schembri u dan b'referenza ghas-sentenza li nghatat mit-Tribunal.

**Reuben Bonnici** rega' xehed fid-9 ta' Marzu, 2016 fejn iddikjara li jahdem fil-Legal Office tal-Automated Revenue Mangement Services Limited. Mistoqsi jispjega x'jaf dwar il-kont tas-servizz utli bin-numru 101000053753 mahrug fl-indirizz 388, Fredor, Triq il-Kanun, Santa Venera qal illi dan il-kont kien inghalaq. Kien intestat f'isem Emanuel Schembri u dwaru kien inghata Award mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fejn Emanuel Schembri kien gie kkundannat ihallas l-ammont ta' €1,532.86. Ix-xhud ghamel referenza ghas-sentenza ezebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dokument RB1 a fol 18 datat 25 ta' Ottubru 2002, fejn hemmhekk Emanuel Schembri kien gie originarjament ikkundannat biex ihallas LM479.40, li meta jissarrfu f'Ewro w maghhom izzid jitla' ghal €1,532.86.

B'referenza ghat-tieni kont u cioe' ghan-numru 101000039491, ix-xhud qal li dan ukoll jghajjat lil Emanuel Schembri fuq il-fond 30, Ian, Triq il-Mandolina, Birzebbugia. Skont ir-rekords taghhom l-ammont dovut huwa ta' €1,306.80. Qal li dan il-kont kien inghalaq u gie trasferit ghal fuq terzi u huma kellhom jirregolaw ruhhom minhabba t-trasferiment u l-qari tal-meter. Qal li kienu naqqsu fifty six *point* four cents Maltin (56.4c) u kienu baghtu ittra lill-istess Emanuel Schembri f'Awwissu tas-sena 2003. Hu esebixxa kopja ta' din l-ittra li giet immarkata bhala Dokument Z fejn kienu gharrfuh li l-bilanc li kien ghadu dovut kien ta' Lm527.51 u dan l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu u cioe' €1,306.80.

Sussegwentement kienet giet mibghuta ittra ohra fit-22 ta' Mejju tas-sena 2004 fejn il-bilanc ma kienx ghadu gie saldat. Esebixxi kopja tal-istess li giet immarkata bhala Dokument X. Imbaghad kienet intbaghtet it-tielet ittra, u dana fis-7 ta' Awwissu 2004, fejn dan l-istess ammont rega' gie indikat. Esebixxa kopja ta' din l-istess ittra li giet immarkata bhala Dokument Y. F'Novembru tat-2014 kienet intbaghtet ittra ufficcjali li giet immarkata bhala Dokument S, liema ittra qatt ma kienet giet notifikata lill-istess Emanuel Schembri. Ix-xhud qal illi llum-il gurnata l-ARMS ghadu dovut iz-zewg ammonti indikati fl-ittra ufficjali ezebita fl-atti a fol 10.

Illi nhar is-6 ta' Lulju 2016 **Reuben Bonnici** rega' xehed u b'referenza ghax-xhieda tieghu li kien ta fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2016 ghamel korrezzjoni fis-sens li kien ghamel referenza ghal Novembru 2014 bhala l-ittra ufficcjali esebita u mmarkata bhala Dok S meta effettivament din kellha tkun is-sena 2004. Huwa esebixxa kopja ta' l-istatement of accounts taz-zewg kontijiet li r-rikorrenti ghandu pendenti maghhom. Dawn iz-zewg statements gew immarkati bhala Dok CSH u CSH1 rispettivament.

Illi nhar it-8 ta' Jannar 2016 xehed **Emanuel Schembri** u pprezenta l-affidavit tieghu li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH wara li kkonferma il-kontenut tieghu u ghadda kopja tal-istess lill-kontroparti.

Fl-affidavit stqarr li huwa kellu l-post Sta Venera Canon Road illi kien bieghu aktar minn ghoxrin sena ilu. Meta biegh il-post kienu marru l-ufficju tal-Enemalta l-Belt u kien iffirma fuq karta rqiqa biex jaqleb il-kont tad-dawl u l-ilma minn fuqu ghal fuq ix-xerrej. Minn dak iz-zmien 'l hawn fuq l-istess post qatt ma kien sema' xejn la minghand ix-xerrej u lanqas minghand l-Enemalta jew xi Dipartiment iehor.

Wara li telqu minn Santa Venera huma marru joqghodu b'kirja fi flat il-Qajjenza. F'dan il-flat damu madwar tlett snin u meta sid il-kera ried jgholli l-kera hargu u marru joqghodu b'kera go flat il-Qajjenza stess triq warajh ghal madwar sitt snin. Anke mal-ewwel sid il-kera tal-fond tal-Qajjenza huwa kien irranga l-kontijiet kollha u dawwar id-dawl u l-ilma ghal fuqu. Ukoll minn dak iz-zmien 'l hawn huwa qatt ma rcieva xejn fuq il-post tal-Qajjenza.

Fit-tieni post illi kellu b'kiri l-Qajjenza qatt ma kien hemm problemi ta' xejn, qatt ukoll ma rcieva l-ebda ittra ghal xi hlas. Wara sitt snin li kienu qed joqghodu fit-tieni post fil-Qajjenza huma hadu l-post li ghandhom li hija r-residenza attwali li ghandhom illum u cioe' Block, Flat 6, Gebel Road, Birzebbuga. Ghalhekk meta tghodd is-snin kollha fuq il-post Santa Venera ilu li telqu fuq ghoxrin sena u l-post tal-Qajjenza ilu li telqu xi sbatax-il sena.

Huwa mhux biss qatt ma rcvieva kontijiet ta' dawn iz-zewg postijiet imsemmijin fid-dokumenti li qieghdin iressqu issa l-Enemalta imma spjega li ma ghandu jaghti xejn ghax hu filfatt lanqas kien qed jikkonsma u jew juza l-meters tal-istess postijiet.

Illi nhar is-27 ta' April 2016 xehed **Emanuel Schembri** in kontro-ezami u spjega li b'referenza ghall-kont mahrug fuq il-fond 76, Cannon Road, Santa Venera sar jaf bis-sentenza ghaliex qallu l-avukat mhux ghaliex kien parti fiha. Lanqas jaf li effettivament kien gie pprezentat Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tieghu. Kieku kien jiehu passi mill-ewwel u jahseb li lanqas martu kienet taf dwar dan il-mandat. Fejn effettivament sar il-mandat mhuwiex indirizz tieghu, huwa l-indirizz fejn tghix ommu. Dan jafu biss ghaliex qallu l-avukat illi l-mandat kien intbaghat f'Race Course Street.

Filwaqt li fir-rigward tal-kont li jghajjat il-fond 30, Ian, Triq il-Mandolina, Birzebbuga, huwa kien dawwar il-kont f'isem haddiehor. Huwa kien hemmhekk b'kera u meta gie biex jitlaq dawwar il-kont u meta huwa effettivament kien talab il-kont idur minn fuq ismu ghal fuq haddiehor kienu hadu r-*reading*. Huwa kien qieghed hemmhekk ghas-sajf u jaf illi l-bilanc mhuwiex wiehed kbir. Jekk kien hemm bilanc kien zghir zgur ghax kieku ma kienx ser jdur. Qatt ma rcieva xi komunika mill-Enemalta fejn qalulu li l-bilanc kien ta' LM527.51 liri Maltin. Qatt ma rcieva xi korrispondenza minghand l-ARMS. Mistoqsi x'kien minghalih li l-bilanc dovut spjega li ghadda wisq zmien, ma jafx u hu ma kienx hallas dan il-bilanc peress li kien irranga ma' sid il-kera. Sid il-kera qallu li jekk ikun hemm balanc jmur ghandu u jtih il-bilanc u peress illi kien jafdah b'ghajnejh maghluqa kienu ftiehmu hekk li kellhom jhallsu l-bilanc pero' zgur li ma kienx hemm hafna minkejja li jaf li l-kont kien f'ismu u l-bilanc kien jghajjat lilu. Ikkonferma li ilu li telaq minn dan il-post f'Birzebbuga xi tmintax-il sena.

Illi nhar is-27 ta' Jannar 2016 xehdet **Grace Schembri** u esebiet l-affidavit taghha liema affidavit gie immarkat bhala Dokument CSH1. Hija kkonfermat bil-gurament u qalet li hija zzewwget fil-1987. Kienu marru joqghodu maz-zija tar-ragel taghha u cioe' fil-fond 13, Stable Lane, Marsa. Zewgha kien halla l-identity card tieghu fuq 9A, Racecourse Street, Marsa, fil-post ta' ommu u

bidilha xi 9 snin ilu. Meta saret il-kawza u baghtu l-karti u hadu decizjoni l-Enemalta baghtu l-karti hemm u lanqas kienu jaf bihom sakemm sar Mandat ta' Sekwestru l-bank. Imma issa ma hemm xejn x'taghmel.

Huma wara l-ewwel tlett snin maz-zija tar-ragel, marru Sta Venera 76, Canon Road. Aktar minn ghoxrin sena ilu il-post inbiegh. Minn dak iz-zmien 'l hawn fuq l-istess post qatt ma kienet semghet xejn la minghand ix-xerrej u lanqas minghand l-Enemalta jew xi Dipartiment iehor. Wara marru joqghodu b'kirja f'maisonette il-Qajjenza. Damu madwar tliet snin u meta sid il-kera ried jgholli l-kera hargu u marru joqghodu b'kera go flat il-Qajjenza. Fil-flat damu joqghodu fih madwar sitt snin. Anke mal-ewwel sid il-kera tal-fond tal-Qajjenza zewgha kien irranga il-kontijiet kollha u dawwar id-dawl u l-ilma fuqu. Ukoll minn dak iz-zmien 'l hawn hija qatt ma rciviet xejn fuq il-post tal-Qajjenza.

Fit-tieni post illi kellhom b'kiri l-Qajjenza qatt ma kien hemm problemi ta' xejn, ma rceviet l-ebda ittra ghal xi hlas fuqu. Wara sitt snin li kienu qed joqghodu fit-tieni post fil-Qajjenza huma hadu l-post li ghandhom li hija r-residenza attwali li ghandhom illum u cioe' Block, Flat 6, Gebel Road, Birzebbuga.

Illi nhar it-8 ta' Gunju 2016 **Mary Grace Schembri** xehdet in kontro-ezami u spjegat illi huwa minnu illi effettivament kienet inghatat sentenza u saru l-mandati u xi ipoteki fil-konfront tal-kont li r-ragel taghha kellu fuq il-font 388, Fredor, Triq il-Kanun, Santa Venera. Mistoqsija meta huma evakwaw il-font 30, Ian, Triq il-Mandolina, Birzebbugia spjegat illi bl-ezatt ma tafx imma tahseb li ghaddew xi tletin sena. Spjegat illi effettivament il-post kien *furnished* tal-Qajjenza, Birzebbugia u meta telqu minn hemm il-*meter* rega' dar ghal fuq is-sid ghax kieku hallew xi kont tad-dawl is-sid kien jibqa' jfittixha biex thallsu. Spjegat li qabel effettivement hargu mill-font kienu hadu r-*readings* flimkien

ma' sid il-post. Mistoqsija jekk kienx hemm xi bilanc fuq dan il-kont spjegat li ma tahsibx li kien hemm xi kontijiet b'lura. Tahseb li r-*readings* kien ezatt, ma kienx hemm kontijiet li jridu jhallsu. Tahseb u temmen li meta hargu mill-post kienu hallsu sal-ahhar. Hija ma tafx li kien hemm xi kontijiet b'lura li r-ragel taghha kellu jissetilja mas-sid.

L-istess xhud fl-istess seduta in ri-ezami spjegat li wara li telqu minn dan il-post marru go *furnished* post iehor, Triq l-Izbark, Birzebbugia u mbaghad hadu post tal-Gvern u ilha toqghod go fih ghal dawn l-ahhar disa' snin.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors odjern u dan fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal redatt fl-atti nhar id-9 ta' Marzu 2016 maghmul minn Dr Joseph Brincat ghan-nom tar-rikorrenti fejn l-istess rikorrent irregistra ammissjoni "*fir-rigward tat-talba limitatment ghall-kont bin-numru 101000053753 fl-ammont ta' euro elf, hames mija u tnejn u tletin euro u sitta u tmenin centesmu ( €1,532.86) u dan nonostante li hemm gudikat u minkejja li qatt ma gie notifikat pero' l-ispejjez ghal ritrattazzjoni ikunu wisq akbar mill-kont in kwistjoni*."

Ghalhekk f'dan l-istadju minkejja ir-raguni li ressaq ir-rikorrent ghall-ammissjoni tieghu, din il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni dwar it-talba tas-socjeta' intimata sabiex ir-rikorrent ihallas is-somma ta' *euro elf, hames mija u tnejn u tletin euro u sitta u tmenin centesmu (€1,532.86)* rapprezentanti f'konsum ta' elettriku u ilma, kera ta' meters tal-ilma u elettriku fuq l-font Freddor, Triq il-Kanun, Santa Venera kif kanonizzati bhala kreditu tas-socjeta' intimata permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal tat-Talbiet Zghar

b'sentenza moghtija fl-ismijiet '**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha prorprju u ghan-nom tal-Enemalta vs Emanuel Schembri'** deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2002 (Dok RB1 a fol. 18) u ghalhekk stante li gja hemm gudizzju fuq dan il-kont, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rikorrenti f'dan ir-rigward.

Jifdal ghalhekk li jigi diskuss it-talba tar-rikorrent dwar il-kreditu li s-socjeta' intimata ghandha fil-konfront tar-rikorrent dwar il-gbir ta' kreditu rigward kont ta' servizz ta' ilma u elettriku fuq il-font 3, Ian, Triq il-Mandolina, Birzebbuga liema kont ilu pendenti zgur sa minn Awwissu 2004 skond ittra mibghuta mis-socjeta' intimata nhar is-7 ta' Awwissu 2004 (Dok Y esebita a fol. 35) .

Illi mhux diskuss li l-kont fuq il-proprjeta' 3, Ian Triq il-Mandolina, Birzebbuga kien jghajjat lir-rikorrent odjern fil-perjodu indikat fuq l-*istatement of accounts* esebit fl-atti a fol 44 et seq immarkat bhala Dok CSH1. Dwar dan il-kont Reuben Bonnici ghan-nom tas-socjeta' intimata jghid li giet ipprezentata ittra ufficcjali numru 6872/04 nhar it-2 ta' Novembru 2004 immarkata bhala Dok S esebita fl-atti a fol 36 fejn gie indikat il-perijodu ghal kreditu taghha bejn l- 24 ta' Mejju 1999 u l-25 ta' Jannar 2002 fl-ammont ta' Lm527.51 liema ittra ufficcjali ma gietx notifikata lir-rikorrent odjern. Jghid ukoll li giet pprezentata ittra ufficcjali ohra nhar it-8 ta' Gunju 2015 immarkata bhala Dok ARMS 1 inserita fl-atti a fol. 10 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 16 u jidher li r-rikorrent din id-darba kien gie notifikat nhar it-12 ta' Gunju 2015. Jidher li din it-tieni ittra ufficcjali saret ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward l-ammont ta' elf, tliet mija u sitt ewro u tmenin centezmu (€1306.80) fuq il-fond 3, Ian Triq il-Mandolina, il-Qajjenza B'Bugia.

Illi dan ir-rikors odjern sar ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan l-Artikolu 466(1), (2) u (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi is segwenti:

"1) *Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, pizijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provediment ta' ilma u elettriku u għall kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*..".*

(2) *Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqs li kieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata*." (sottolinear ta' din il-Qorti).

(3) Ir-rikors preżentat skont is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi **żmien għoxrin jum**. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smiegħ f'jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien.

Illi ghalhekk permezz ta' dan ir-rikors odjern intavolat fit-terminu ta' l-ghoxrin gurnata fuq indikata, is-socjeta' intimata giet priva milli jkollha titolu ezekuttiv u ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tiddeciedi jekk effettivament dan il-kont hux preskritt jew le.

Ir-rikorrent qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156 (f) u (g) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-**Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili** jghid hekk:

"*L-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin.*"

Waqt li l-artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:
*"salv kif provdut f`xi ligi specjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta` Malta, għall-ħlas ta`drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi oħra.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi bhal kull eccezzjoni ohra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva.

Illi hija l-fehma tal-Qorti li l-artikolu 2156(g) zgur li ma japplikax ghall-kaz u dan ghaliex l-kreditu huwa wiehed ta' natura kummercjali; semmai japplika l-artikolu 2156(f), izda hawnhekk ukoll il-Qorti trid tara jekk japplikax.

Illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 hija soggetta ghal interpretazzjoni *eiusdem generis*.

Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' *eiusdem generis*, tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhal jeddijiet l-ohra imsemmija fl-**Artikolu 2156**. F'dan il-kuntest, ta' min jghid li l-ebda wiehed mill-krediti imsemmija fl-Artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet '**Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino'** deciza fid-19 ta' Ottubru 1954, fejn inghad illi:

"*Jidher illi l-krediti imsemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma l-flus.*

*Kull kreditu iehor, hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus.*"

Illi dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg kontijiet ta' krediti, jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus.

Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju li jiddefinixxi liema terminu preskrittiv kien japplika ghall-fatti in kawza. (Ara "**Jeremy Holland *nomine* -vs- Joseph Chetcuti**", Appell, 25 ta' Frar, 2000.) Fatti li jridu jirrizultaw mill-atti u mhux minn dawk li kellhom jew setghu ngiebu u baqghu ma tressqux; Essenzjalment, il-kwestjoni hi wahda ta' fatt li tiddependi mill-apprezzament tal-provi. Apprezzament dan li jehtieg li jsir minn din il-Qorti.

L-**artikolu 2137 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi: *"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ohra tal-Ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li dik l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat u tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss".*

It-test li trid il-ligi allura hu dak oggettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom jorigina d-dritt tas-socjeta' intimata li tagixxi, mhux it-test soggettiv ghaliha, u cioe' jekk din kienetx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni. Il-ligi trid li dan ikun il-principju li jirregola l-materja, u li dan ghandu japplika f'kull kaz sakemm xi disposizzjoni partikolari tal-ligi ma tiddisponix mod iehor fir-rigward ta' certi cirkostanzi li fihom tistabilixxi li z-zmien ghad-dekors tal-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni ghandu jibda minn xi mument iehor u mhux minn dakinhar li dik l-azzjoni setghet potenzjalment tigi ezercitata. Eccezzjoni ghar-regola generali li f'dan il-kaz, kif fuq elaborat, ma tirrizultax. (**Vol. XLIX, P.I. p.500).**

Jinghad li fir-rigward tal-kont fuq l-font Ian, 30, Triq il-Mandolina, Birzebbugia dan ilu pendenti zgur sa mit-12 ta' Awwissu 2003 kif jirrizulta mill-kopja tal-ittra bonarja li ntbaghtet lir-rikorrenti (Dok Z a fol. 33). Illi ghalhekk il-hames snin bdew ghaddejja minn dakinhar. Ghalhekk kellha tigi intavolata ittra gudizzjarja sa mhux aktar tard minn 13 ta' Awwissu 2008 sabiex semmai dan il-perjodu preskrittiv jigi interott. Jirrizulta li fit-2 ta' Novembru 2004 giet prezentata ittra ufficcjali kotnra r-rikorrenti b'dan il-ghan, liema ittra ufficcjali qatt ma giet notifikata lir-rikorrenti. Minn dak inhar 'l hawn u cioe' mit-2 ta' Novembru 2004 sat-8 ta' Gunju 2015 ma giet ipprezentata l-ebda ittra gudizzjarja ohra u ghalhekk il-perijodu preskrittiv ta' hames snin ghadda. Issa r-rikorrent fix-xhieda tieghu jghid li huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' intimata (fol. 26) **pero'** meta xehed in kontro-ezami nhar is-27 ta' April 2016 jghid li kien jaf li setgha kien hemm xi bilanc dovut meta dawwar il-meter ghal fuq is-sid pero' jghid li dan kien bilanc zghir ghaliex kieku l-kont ma kienx idur. Mistoqsi x'kien minghalih il-bilanc jghid li ma jafx ghaliex ghadda wisq zmien izda jghid li ma kienx hallas dan il-bilanc peress li kien irranga mas-sid tal-kera tal-fond. Jghid li zgur li ma kienx hemm ammonti kbar.

Ghalhekk f'din ix-xhieda hemm accettazzjoni tacita li huwa fil-fatt kellu jaghti xi ammonti minkejja li fil-fehma tieghu kienu zghar u minkejja li l-azzjoni setghet kienet preskritta peress li kienu ghaddew il-hames snin rikjesti mill-ligi ghall-intavolar tal-azzjoni.

Madankollu l-Qorti trid taghti piz lix-xiehda in kontro-ezami tar-rikorrenti kif identifikata aktar 'il fuq fejn ir-rikorrenti ma jinsistix li ma hux debituri izda jghid li seta kien ghad hemm bilanc zghir izda li ma kienx jaf l-ammont. Kwindi jammetti li l-hlas ma sarx u ma sarx minhabba li ma kienx jaf kemm kien hemm pendenti.

Kif qalet il-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza Cit. Nru. 57/2007 '**Intercomp Limited (Reg No. C5197) vs Boris Arcidiacono Limited (Reg. No. C 16463) ezercenti n-negozju taht l-isem it-Torri Interiors'** ta' nhar il-25 ta' Marzu, 2010 (**Vol XXXVII p1 p307)**:

"ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompattibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma premessa mill-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni" (ara wkoll **Austin Psaila vs Lother Slabick** App Inf 9.02.2005)

Fis-sentenza '**Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Canee noe'** jinghad hekk:

"*Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista' tkun ... indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompattibbli mal-volonta' tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt.*
*Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt*"

Ovvjament kif ighidu **Maceade u Pont** (Spiegaz. Teor. Punt. Cod. Nap. XI p190 para 179) '*nel caso di contesa sulla circostanza della ezistenza della ricognizione, la prova appartiene a colui che la invoca'*.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad it-talba rikorrenti fejn giet mitluba tiddikjara li t-talba tas-socjeta' intimata fil-konfront tal-kont li jghajjat lill-font 30, Ian, Triq il-Mandolina, B'Bugia hija preskritta u ghalhekk l-ammont ta' elf, tliet mija u sitt ewro u tmenin centezmu**

**(€1,306.80) ghadu dovut u fir-rigward it-talba tar-rikorrent dwar il-kont li jghajjat il-font 388, Freddor, Triq il-Kanun, Santa Venera tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu stante li s-socjeta' intimata gja ghandha titolu ezekuttiv dwaru.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrent.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**